**Minuti tas-Sitta u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tnejn, 6 ta' Diċembru 2010 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 55 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Ftuh ta' Offerti.** Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill ibiddel l-iskeda ta' l-agenda peress li kien hemm preżenti żewġ kuntratturi li ġew għall-ftuh ta' l-offerti. Il-Kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment. Infetħu l-offerti tar-refuse collection. Dawn kienu ta':

   KIP Għawdex Ltd. bil-prezzijiet kif jidhru hawn taħt:

   | | |
   |---|---|
   | Ħamest ijiem fil-gimgħa: | l-ewwel sena €190 kull jum |
   | | It –tieni sena €200 kull jum |
   | | It-tielet sena €210 kull jum |
   | | Ir-raba sena €220 kull jum |
   | Erbgħa ijiem fil-ġimgħa | l-ewwel sena €220 kull jum |
   | | It-Tieni sena €231 kull jum |
   | | It-tielet sena €243 kull jum |
   | | Ir-raba sena €255 kull jum |

   Anthony Mercieca €164.50 kull jum għall-erbgħa snin.

   Il-Kunsill ġie mitlub minn Lorry Zammit (KIP Għawdex Ltd) biex jitniżżel id-dokumenti inklużi fl-offerti mitfugħa minn Anthony Mrecieca.

   Dawn huma Bid bond, letter of reference; Mepa permits, Insurance, Log books, list of workers, ċertifikati ta' l-ETC, Mileage calculations.

   Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar din l-offerta.

4. **Triq Ta' Said.** Il-Kunsilliera qablu li għandhom jiltaqgħu mal-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd dwar il-ħsara li hemm fi Triq Ta' Said. Din il-laqgħa għandha ssir wara l-festi tal-Milied.

5. **Urban Improvement Fund.** Gie iffrimat il-kuntratt mal-MEPA għall-fondi mill-fond tal-UIF għas-sqaq fi Triq Dun Bernarnd Haber. Il-Kuntrattur qed jistenna l-materjal jasal mill-Italja sabiex jibda ipoġġi l-Porfido.

6. **Community Chest Fund.** Saret ġabra għall Malta Community Chest Fund waqt il-Christmas Market 2010. L-ammont miġbur kien ta' €130.

7. **Tiżjin tal-Milied.** Sar it-tiżjin fi parti minn Triq il-Knisja u għandu jsir it-tiżjin fil-Pjazza. Il-Kuntrattur Michno Lighting ma aċċettax li jżejjin Triq Rabat u Triq it-Tramuntana. Il-Kunsill ġie offrut mill-Kuntrattur tal-Pjazza biex jagħmel xi affarijiet oħra barra dawk inklużi fil-kwotazzjoni tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li jimxi mal-kwotazzjoni biss.

8. **Ħarġa ta' l-Anzjani.** Il-ħarġa għall-anzjani li kellha ssir fl-aħħar ta' Novembru ġiet posposta minħabba li kien hemm attivitajiet oħra pjanati f'dawn il-jiem. Il-ħarġa għandha ssir wara l-Festi tal-Milied.

9. **Triq tal-Bajja ta' San Blas.** P&J Debono beda x-xogħol tat-tranġar ta' Triq San Blas (in-niżla għall-bajja) iżda meta kien qed jagħmel ix-xogħol ra li kien hemm bżonn aktar xogħol milli dak kwotat. Il-Kunsill talbu kwotazzjoni oħra. Il-Kunsilliera approvaw li ssir xogħol kollu meħtieġ bil-prezz tal-kwotazzjoni mitfugħa.

10. **Korrispondenza.**

(2788) Dokument ta' ftehim mal-MEPA dwar UIF għall-isqaq fi Triq Dun Bernard Haber
(2789) Ittra mill-Moviment ta' Kana dwar konkors Familja Qalb tad-Deheb
(2790) Ittra mingħand sidien ta' raba fi triq Grunju
(2791) Ittra mingħand l-avukat Damian Bigeni f'isem Dun Dumink Camilleri dwar fdalijiet ta' ajruplani
(2792) Financial Assistance Scheme for Projects by Local Councils towards the implementation of the eco-Gozo short measures
(2793) Memo 145/2010 – Rapport tal-awditur generali dwar il-Kunsilli Lokali
(2794) Email mill-Ministeru għal Għawdex dwar sponsorship għall-Christmas Market
(2795) Ittra ta' ringrazzjament mill-Fondazzjoni Arka tal-Party għall-persuni b'diżabiita'

11. **Christmas Market 2010.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza permess ta' fax dwar sponsorhip għall-attivita tal-Christmas Market taħt l-iskema ta' Attivitajiet Kulturali mis-Segretariat Parlamentari għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ser jingħata €4000 għal din l-attivita. Il-Kunsill ser jingħata wkoll €300 mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

12. **It-Tieni Kisi ta' Triq San Blas.** Il-Kunsill talab lill-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. sabiex jagħmel it-tieni kisja ta' Triq San Blas skond it-tender li hu kien ingħata (bl-ittra ta' aċċezzjoni tat-13 ta' Gunju 2006). Hu talab żieda peress li għadda ħafna żmien. Il-Kunsill ma aċċettax li jagħti din iż-żieda. Din għandha tiġi diskussa mal-kuntrattur fil-laqgħa li għandha issir miegħu.

13. **Open Market.** Il-Kunsill iddeċieda li jkompli jinkariga s-servizz ta' uffiċċjali tat-Transport Malta meta jkun hemm s-Suq fil-Miftuh sabiex jikkontrollaw it-traffiku.

14. **Familja Qalb tad-Deheb.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Moviment ta' Kana dwar nominazzjoni għall-premju Familja Qalb tad-Deheb. Maria Natoli nnominat lil Salvina Camilleri ta' Triq Piju Cellini. Din il-mara qed tiehu ħsieb żewġha għal dawn l-aħħar tnax-il sena. Il-Kunsill qabel ma' dan in-nominazzjoni. Maria Natoli għandha tagħti d-dettalji lis-Segretarja sabiex jintbagħtu.

15. **Passaġġ fir-raba ħdejn Triq ta' Grunju.** Il-Kunsill irċieva ittra bil-firem tas-sidien ta' għelieqi fejn huma ddikjaraw li ma sibux oġġezzjoni li ssir passaġġ bil-konkos**.**

16. **Biċċiet ta' Ajruplani bit-tieni gwerra dinjija.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Damian Bigeni f'isem Dun Dumink Camilleri fejn għal darb' oħra talab biex il-biċċiet ta' ajruplani jerġgħu jinġabu lura l-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li kopja ta' din l-ittra għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Malta Aviation Museum. Il-Kunsill għandu jitlob ukoll sabiex il-biċċiet li qegħdin in-Nadur jinbidlu ma' biċċiet oħra li jinsabu f'Malta (skond il-kuntratt). Il-Kunsill għandu jitlob li ssir laqgħa fejn ikunu preżenti ukoll Dun Dumink Camilleri u l-avukati.

17. **Eco – Gozo.** Il-Ministeru għal Għawdex ħabbar skema ta' assistanza finanzjarja għall-proġetti minn Kunsilli Lokali li għandhom x'jaqsmu ma implementazzjoni tal-eco Gozo short measures. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill japplika biex jirranga Wied Bingemma taħt din l-iskema. Dan billi jitnaddaf il-wied, jinbnew ħitan tas-sejjieħ u tranġar tat-triq Wied Bingemma. Il-Kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment. Il-Kunsill għandu jikkuntattja lill-Perit Robert Grech dwar din l-applikazzjoni.

18. **Xogħolijiet Pendenti.** Is-Segretarja għandha tara fejn waslet l-applikazzjoni tar-restawr tas-Salib tal-pjazza.

19. **Affarijiet Oħra.** Il-Kunsill għandu jitlob lil Gvern Centrali sabiex issir patching quddiem ir-residenza ta' Rita Farrugia fi Triq il-Qala. Jonathan Buttigieg talab li jsiru żewġ bankini ġodda waħda fid-dar "Red Rose" Triq San Blas u l-oħra fid-dar "Sacred Heart" Triq tad-Duru. Charles Said informa lill-kunsill li hu kellu talba sabiex issir mera fil-kantuniera ta' Triq Hanaq ma' Triq ta' Zrajk. Is-Segretarja infurmatu li diġa kien hemm mera f'din il-kantuniera u s-sid tad-dar ma ridithiex mad-dar tagħha. Is-Segretarja ser terġa titlob lit-Transport Malta għal din il-mera.

20. **Kontijiet li ġew approvati:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9815 | Sue Ellen Bugeja | 88.94 | reimbursement |
| 9816 | ARMS Ltd. | 130.00 | temporary meter |
| 9817 | Gozo Channel Ltd. | 155.90 | tickets for Delicata Christmas Market |
| 9818 | Petty Cash | 114.67 | petty cash |
| 9819 | John Ivan Xuereb | 1224.00 | November attendant & sweeping |
| 9820 | Joseph Meilak | 35.00 | Glass lessons for Youth Adventure |
| 9821 | Gozo Pottery Barn | 35.00 | pottery lessons for Youth Adventure |
| 9822 | Anna Camilleri | 6.50 | frame |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9823 | Peter Paul Azzopardi | 2152.50 | light systems wine festival |
| 9824 | Anthony Mercieca | 125.49 | bulky refuse November |
| 9825 | Michael Refalo | 120.00 | culvert cleaning Xandriku Street |
| 9826 | P&J Debono Cons. Ltd. | 1869.08 | patching works |
| 9827 | Rabokk Pizza | 20.40 | car show |
| 9828 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 96.62 | street lighting contract manager |
| 9829 | Mary Rose Grima | 125.00 | November Elderly day centre |
| 9830 | Concetta Mifsud | 135.00 | November elderly day centre |
| 9831 | Marthese Caruana | 121.25 | Office cleaning Oct & Nov |
| 9832 | Saviour Xiberras | 483.00 | sweeping & soft areas |
| 9833 | Mary Attard | 157.41 | Oct & Nov Library |
| 9834 | JCR Ltd. | 316.71 | tiles for pavement |
| 9835 | Gebuba Wine Bar | 19.00 | Car Show |
| 9836 | void | void | |
| 9837 | Mdina Glass Ltd. | 202.00 | trophy for Premju Gieh in-Nadur |
| 9838 | Rita Mifsud Attard | 25.43 | reimbursement |
| 9839 | Transport Malta | 84.00 | ufficial during open markets |
| 9840 | ARMS Ltd. | 197.09 | light Gnien il-Kunsill |
| 9841 | void | | |
| 9842 | Andrew Fleri Soler | 55.00 | copier service |
| 9843 | MEPA | 175.00 | application for Skate Park |
| 9844 | Zephyr Garage | 126.70 | transport |
| 9845 | Smart Office Supplies Ltd. | 37.17 | stationery |
| 9846 | Richard Cauchi | 1057.48 | street lighting repairs |
| 9847 | KIP Ghawdex Ltd. | 2405.43 | refuse collection November |
| 9848 | Għaqda Armar Triq Dic. 13 | 120.00 | plants for Square |
| 9849 | Saviour Meilak | 113.05 | public convenience November |
| 9850 | Dominic Dept. Stores | 561.00 | 2 benches |
| 9851 | Saviour Xiberras | 105.00 | diesel allowance |
| 9852 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 2063.84 | tender fee (Dec. 13th) |
| 9853 | Ray's Catering Service | 120.00 | Art Exhibition reception |
| 9854 | Maria Natoli | 285.00 | gifts for home bound |
| 9855 | Peter Paul Buttigieg | 120.00 | internet updating November |
| 9856 | Gemma Zammit | 175.00 | November Day Centre |
| 9857 | Motif Media | 354.00 | advert in Gozo 360 |
| 9858 | GO plc | 121.77 | telephone & fax lines |
| | TOTAL | €16,035.43 | |

Il-laqgħa ntemmet fid-9:05 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar fis-7:30 p.m.